# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-28 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 458/2021JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AA**

**Vs**

**AD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AA datat 5 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Awissu 1991 "(Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda C li ghandha X sena u hija mizzewga.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmelo Gafa 8 ta' April 2021. (Dok B – kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni anness).*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi l-partijiet kienu ddekadew mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin u dan skond ma jirrizulta mill-paragrafu erbgha (4) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi r-rikorrenti wara s-separazzjoni kienet irrivertiet ghal kunjomha xebba 'A'.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ligie ccelebrat fit-tmintax ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (18.8.1991);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AD, datata 10 ta' Dicembru 2021, a fol 20 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent qieghed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors tad-divorzju.*
2. *Fit-tieni lok l-esponent ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici u l-pronunzjament tad-divorzju.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 23 ta' Frar 2022, a fol 22 li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA xehdet** (vide affidavit, fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Awissu 1991 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar it-8 ta'April 2021. Iddikjarat illi ilhom ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut bejn il-partijiet.

**AD xehed** (vide affidavit fol 24) u kkonferma u kkorraborat dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirriulta sodisfacentemet pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar il-19 ta' Awissu 1991, liema zwieg igib c-certifikat numru 1426/1991 (Vide certifikat taz-zwieg fol 8). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Gafa nhar it-8 ta' April 2021 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 3 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1426/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**